# MINUTI

*It-Tmien Leġislatura*

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu
## Numru 39

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa’ għal din il-laqgħa fit-tlieta u nofs ta’ waranofsinhar (3:30pm) nhar **it-Tlieta 24 ta’ Awwissu 2021**.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Vici-Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi - Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal it-talba u ppresedja l-laqgħa.

**39.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

39.1.1 Is-Sur Jason Portelli talab biex ikun skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol iżda kien se jattendi aktar tard. Apoloġija approvata.

**39.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

39.2.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Minuti tal-Laqgħa Numru 38 għall-approvazzjoni. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti, approvaw il-minuti unanimament.

**39.3 Korrispondenza**

39.3.1 Preżentat invit mibgħut mill-Għaqda Prince of Wales Own u l-Kumitat taċ-Ċentinarju ta' San Duminku għall-Akkademja Mużikali li se ssir il-Ħadd 22 ta' Awwissu. Is-Sindku qal li fl-inviti kollha li ntbagħtu min-naħa tal-Festa ta' San Duminku, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv qatt ma kien mistieden ħlief għall-ewwel ċelebrazzjonijiet li saru fil-bidu tal-ftuħ taċ-ċentinarju. L-Aġent Segretarju qal li meta kien mistieden attenda, fosthom il-quddiesa tal-festa f'Awwissu 2020 però ma setax ikun preżenti fil-ftuħ tal-festi ċentinarji f'Jannar li għadda. Is-Sindku qal li se jibgħat ittra lill-għaqdiet responsabbli mill-Festa ta' San Duminku sabiex il-kunsill jistaqsi għala kien hemm dan in-nuqqas meta suppost is-Segretarju Eżekuttiv ikun dejjem mistieden mas-Sindku. Sadanittant, sakemm l-inviti ma jkunux jinkludu lis-Segretarju Eżekuttiv, il-kunsill ma kienx ser jattendi. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

39.3.2 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Ray Baldacchino għan-nom tal-Kulleġġ ta' De La Salle rigward id-dawl tat-triq mill-gate sal-monument tal-iskola. Ġie deċiż li jiġi kkuntatjat il-kuntrattur sabiex isewwi l-ħsarat ta' din it-triq fil-kulleġġ li tagħmel parti mal-i*street lighting*.

39.3.3 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Joseph Taliana dwar l-installazzjoni tal-Wifi4EU li se jibda jiġi installat mit-Tnejn 30 ta' Settembru fil-Berġa ta' Franza, Ingilterra u l-Librerija.

39.3.4 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Josianne Muscat, Direttur ta' Ambjent Malta fejn infurmat lill-kunsill li se jibda x-xogħol biex jiġu maħduma u installati t-*tree guards* mas-siġar il-kbar tal-Fortini.

39.3.5 Preżentata stima għal 80 bandiera żgħira bl-arma tal-Birgu sabiex jinbiegħu bi prezz baxx lir-residenti kollha tal-Birgu sabiex dawn il-bnadar jeħlu mal-gallariji. L-ispejjeż ta' dawn il-bnadar se jitħallsu mid-donazzjonijiet li jinġabru mis-Sindku. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

39.3.6 Preżentat korrispondenza mibgħta mis-Sur Christopher Spiteri għan-nom ta' nmgroup rigward fondi maħruġa mill-ERA għal diversi proġetti, fosthom l-iskema BELLUS call. Is-Sindku qal li se jkun qed jiltaqa' mas-Sur Spiteri għal aktar informazzjoni.

39.3.7 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Gordon Vassallo, General Manager tal-Grand Harbour Marina, fejn qed jinforma lill-kunsill li ma jsib ebda oġġezzjoni li ssir esebizzjoni fil-miftuħ fil-waterfront tal-Birgu bejn it-8 u l-15 ta' Ottubru 2021.

39.3.8 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Christopher Deguara mill-Kumitat tal-ismijiet tat-toroq bin-notifika li ħarġet fil-gazzetta tal-gvern dwar Triq Lino Bugeja.

39.3.9 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lis-Sinjura Zineb Chakir sabiex jinfurmah li se jkun qed jattendi għall-konferenza tal-assoċjazzjoni COPAM. Is-Sindku qal li qed jipproponi li miegħu jakkumpanjah is-Sur Matthew Balzan, kuratur tal-Forti ta' Sant Anġlu peress li wieħed mil-objettivi ta' din l-assoċjazzjoni huwa li l-forti jkun meqjus bħala wirt tal-UNESCO. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

39.3.10 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Matthew Balzan fejn informa lis-Sindku li hu jista' jattendi għall-konferenza tal-assoċjazzjoni COPAM li se ssir f'Arles fi Franza. Is-Sur Balzan qal lis-Sindku li se jkun qed jinforma lis-superjuri tiegħu għall-approvazzjoni.

**N.B. 4:30pm Il-Kunsillier Jason Portelli daħal għal-laqgħa.**

39.3.11 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lis-Sinjura Antonella Galea, Segretarju tar-Reġjun Xlokk sabiex jinfurmha li għal Pink October, il-

kunsill se jkun qed jixgħel is-swar ta' Couvre Porte bid-dawl roża u li ma kienx se jorganizza ebda attivitajiet marbuta mal-istess suġġett.

39.3.12 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Josianne Muscat, Direttur ta' Ambjent Malta, sabiex tinforma lill-kunsill li l-applikazzjoni *BM-150 Embellishment of Urban Squares*, għar-riġenerazzjoni tas-Simenta, ġiet approvata u se jingħata s-somma kollha li talab il-kunsill.

39.3.13 Preżentat draft tal-kuntratt bejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu u l-Vittoriosa Stars F.C. imħejji mill-Avukat David Bonello, għall-art li fuqha ser isir Padel Court wara l-grawnd tal-Fortini. Il-kunsilliera preżenti qablu mal-punti kollha tal-kuntratt u għalhekk is-Sindku talab li jintbagħt lill-Vittoriosa Stars F.C. sabiex jarawh u jiddiskutuh.

39.3.14 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Loic Moncany sabiex tiġi organizzata *Water Fight Festival* fil-Kottonera. Il-kunsillier Trevor Mizzi qal li din hija idea sabiħa u se jkun qed jieħu ħsieb jikkomunika mas-Sur Moncany sabiex titwettaq. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

39.3.15 Preżentata korrispondenza bejn is-Sindku John Boxall u Noel Formosa Sindku ta' San Lawrenz Għawdex dwar id-data tal-iffirmat tal-ġemellaġġ. Is-Sindku qal li dan se jsir is-Sibt 4 ta' Settembru bħala parti mill-attivitajiet ta' Jum il-Birgu. Is-Sindku qal ukoll li wara l-iffirmar se jingħataw ftit *refreshments* u wara s-Sindku ta' San Lawrenz ser ipoġġi kuruna tar-rand mal-Monument tal-Vitorja u bukkett fjuri ma' San Lawrenz fil-Parroċċa u fl-aħħar, ikla. Il-kunsilliera qablu unanimament.

39.3.16 Preżentati tliet stimi għax-xogħol tal-garior tal-bejt tal-Berġa ta' Franza peress li uħud minnhom ċedew u għalhekk m'hemmx aċċess għall-bejt. L-irħas offerta ta' pawlu Cilia ġiet approvata unanimament mill-kunsilliera preżenti.

39.3.17 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lis-Sur Fredrick Azzopardi CEO ta' Infrastructure Malta dwar il-latrina pubblika l-ġdida f'Sally Port (it-Toqba). Is-Sindku qal li hu ltaqa' mas-Sur Gino Cauchi mill-GHRC u ġie deċiż li tiżdied kamra żgħira għall-*public toilet attendant* u diversi affarijiet oħra. Is-Sindku spjega li fil-latrina se jkun hemm tliet *cubicles* biss, waħda għall-irġiel, oħra għan-nisa u oħra għall-persuni b'diżabilità.

39.3.18 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Perit John Rizzo-Naudi fejn talab approvazzjoni sabiex jibda x-xogħol fuq is-sistema tad-drenaġġ għal-latrina pubblika ġdida f'Sally Port (it-Toqba). Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li x-xogħol

se jibda t-Tnejn 23 ta' Awwissu.

39.3.19 Preżentat dokument dwar *Parking Policy* maħruġ minn Transport Malta. Permezz ta' din il-policy, TM se tkun qed tawtorizza lill-kunsilli lokali biex jagħmlu xogħol ta' żebgħa tat-toroq b'relazzjoni mal-parking. TM titlob li darba f'xahar il-kunsilli jibgħatu indikazzjoni tax-xogħol li jkun sar lil TM.

39.3.20 Preżentata korrispondenza mibgħuta lis-Sur Gorg Borg D'Anastasi dwar l-approvazzjoni tal-Birgu Mobile Phone Application li fiha se jkun qed tinkludi diversi *features*.

**39.4 Approvazzjoni tal-għażla tas-Segretarju Eżekuttiv**

39.4.1 Is-Sindku qal li sal-ġurnata tal-għeluq għas-sejħa tal-applikazzjonijiet għall-ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv, kienu daħlu biss tliet (3) applikazzjonijiet, tnejn (2) minnhom mhux eleġibbli għal din il-pożizzjoni.

39.4.2 Is-Sindku qal li huwa xorta waħda sejjaħ għall-interview lill-kandidati kollha, fosthom lil Christian Lawrence Raggio Vella, li kien wieħed mill-applikanti u l-unika applikazzjoni eleġibbli. Preżenti għall-interviews kien hemm ukoll il-Viċi-Sindku s-Sur Christopher Cassar u l-Kunsillier is-Sur Trevor Mizzi.

39.4.3 Il-Kunsillier Trevor Mizzi qal li ż-żewġ applikanti li ma kienux eleġibbli għal din il-ħatra, xorta waħda ma kinux tajbin biex jimlew din il-pożizzjoni. Il-Viċi-Sindku qabel ma dak li kien qed jgħid is-Sur Mizzi.

39.4.4 Għaldaqstant, is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-ħatra tas-Sur Christian Lawrence Raggio Vella bħala s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Il-kunsilliera kollha preżenti qablu unanimament.

39.4.5 Is-Sindku qal li għada, l-Erbgħa 25 ta' Awwissu 2021, se jinforma lid-Direttur Ġenereli permezz ta' ittra, dwar din il-ħatra.

**39.5 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera u Komunikazzjoni mis-Sindku**

39.5.1 Is-Sindku ressaq quddiem il-kunsill talba mis-Sur Jonathan Bonello li għandu l-ħanut 'Tal-Papas' fi Triq Desain fejn qed jitlob biex is-Sibt 28 ta' Awwissu bejn is-6:00pm u l-10:00pm jagħlaq it-triq sabiex iżid l-imwejjed tar-ristorant f'nofs it-triq għal attività organizzata mill-Għaqda Piroteknika 10 ta' Awwissu. Is-Sindku qal li wara li kienet tlestiet Triq Desain mit-tarmak, kien ġie deċiż li din it-triq ma tingħalaqx aktar ħlief għal eċċezzjonijiet partikolari. Il-

kunsillier Anton Gellel qal li din qatt ma kienet deċiżjoni meħuda fil-kunsill u qal li ma jaqbilx ma' din id-deċiżjoni, ankè jekk tiġi deċiża fil-preżent. Is-Sindku qal li l-kunsill ġie ikkompremettat għall-fatt li la darba l-attività diġà ġiet pjanata u l-organizazzjoni tagħha hija lesta, il-kunsill jinsab f'pożizzjoni li ma jistax jirrifjuta li jagħti permess. Għaldaqstant, is-Sindku qal li fuq approvazzjoni tal-kunsilliera kollha, il-permess għall-għeluq tat-triq jingħata, bil-kundizzjoni li tingħata l-approvazzjoni tal-Awtorità tat-Turiżmu lis-Sur Jonathan Bonello sabiex issir din l-attività, skont kif mitlub mill-Awtoritajiet tas-Saħħa. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

39.5.2 Il-Kunsillier Jason Portelli talab biex issir tabella fi Triq Wenzu Dyer fejn jintefa' ħafna żibel sabiex ir-residenti ma jħallux aktar żibel f'din iż-żona. Dan wara li kellu diversi ilmenti minn persuni li joqgħdu qrib din iż-żona.

39.5.3 L-Aġent Segretarju preżenta informazzjoni dwar kif il-liġi ta' Malta tippermetti l-kaċċa u l-qbid tal-ħamiema selvaġġa u mhix projbita taħt xi wieħed mir-regolamentidwar il-konservazzjoni tal-għasafar.

39.5.4 Il-Kunsillier Anton Gellel informa lill-kunsill li fi Triq La Vallete, hemm partijiet mit-tarmak il-ġdid li qed jinqala mal-passi tas-saqajn tan-nies. Is-Sindku qal li ħa nota u kien se jinforma lill-Infrastructure Malta.

39.5.5 Is-Sindku informa lill-kunsilliera li sakemm ikun approvat il-proġett tal-Glażiż, Ambjent Malta se tkun qed tnaddaf iż-żona u jitneħħew siġar invażivi u aljeni. Il-proġett qiegħed għall-approvazzjoni tal-Ministru tal-Ambjent u wara jgħaddi għall-approvazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar.

39.5.6 Is-Sindku informa lill-kunsilliera li x-xogħol ta' restawr fuq l-istatwa ta' San Lawrenz fil-Pjazza tal-Birgu kien se jibda fil-jiem li ġejjin.

39.5.7 Is-Sindku talab lill-Kunsillier Trevor Mizzi sabiex jieħu ħsieb ifassal laqgħa mal-Ministru Miriam Dalli.

39.5.8 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni t-talba biex parti minn Triq il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur, dik il-parti kantuniera ma' Triq San Anton sa kantuniera ma' Triq Nestu Laiviera (il-parti fejn toqgħod il-Familja Bowman) tinbidel għal Triq Wenzu Attard – (Pilota tal-Port – 1897-1964). Wenzu Attard kien mill-Birgu u kien hu li daħħal il-convoj ta' Santa Marija. Il-kunsilliera qablu unanimament.

39.5.9 Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu li ċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum il-Birgu 2021 ikunu mqassma hekk:

**N.B. Is-Sindku kellu jiġi skużat mil-laqgħa minħabba ċelebrazzjoni li kien mistieden għaliha fil-Knisja tal-Lunzjata.**

39.5.9 Il-Kunsillier Jason Portelli staqsa fiex wasal ix-xogħol tal-aħħar parti tal-poġġaman tal-ħadid tan-niżla ta' Triq it-Torri ta' San Ġwann. L-Aġent Segretarju qal li se jinforma lis-Sindku biex jikkomunika mas-Sur Roderick Galea biex jara fiex wasal ix-xogħol.

**39.6 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq għall-**approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti Numru 29** li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numri, **BOV 6052** sa **BOV 6079** u ħlasijiet oħra li saru permezz ta' ***Bank Transfer***.  Il-Kunsilliera preżenti approvawha b'mod unanimu l-iskeda preżentata.

**39.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-sebgħa u nofs ta` filghaxija (7:30pm). Is-seduta li jmiss tal-Kunsill Lokali tal-Birgu se ssir l-Erbgħa 22 ta` Settembru 2021 fil-ħamsa ta` filgħaxija (5:00pm).

Konfermati llum: **22 ta' Settembru 2021.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall | Christian Lawrence Raggio Vella |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |